Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 54 – 2016

Data: It-Tnejn 22 ta' Awwissu, 2016

Hin: 1.30 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Philip Vella – *Sindku*<br>Joseph Bajada – *Kunsillier*<br>Margaret Said – *Kunsilliera*<br><br>Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ*<br><br>Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: 2 | Frances Galea – *Viċi Sindku*<br>Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera* |
| Assenti: 0 | |

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 52/2016 u Nru 53/2016;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Ftuħ tal-Kwotazzjonijiet 02,03,04 - 2016
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
6. Rapport ta' kull Kwart April – Ġunju 2016;
7. Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone;
8. Jum Dinji tat-tfal b'risq l-ALS;
9. Kwotazzjonijiet – Tiżjin tal-Milied 2016
10. Ilmenti u Suġġerimenti;
11. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
12. Aġġornament.

## Minuti – 54/2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 52 – 2016 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru 53 - 2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 52 – 2016 u tal-laqgħa b'urġenza Nru 53 - 2016, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew kkoreġuti. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Approvazzjoni tal-Minuti 52-2016 u Minuti 53-2016

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** L-Ambaxxatriċi tal-Kunsill daħlet għal laqgħa fis-1.40 p.m.
Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-1.42 p.m.
Il-Laqgħa tkompliet fis-2.15 p.m

**2.2** Is-Sindku semmha li wara l-laqgħa b'urġenza Nru 53 dwar it-trinek fit-toroq mill-Kumpanija Solar Engineering Ltd reġgħu saru diversi tentattivi biex jiġi ffirmat agreement kif kien maqbul mas-Sur Anthony Saliba biex jgħaddu minn Triq Gerxija minflok Triq l-10 ta' Ottubru 1942 li hi triq b'tarmak ġdid bl-ispeċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet magħmula mill-Perit tal-Kunsill u li dwar dan għadu ma ġie ffirmat xejn. Is-Sindku qal li jekk jingħata l-permess lil Kumpanija biex jgħaddu dawn il-high tension cables għal photo voltanic substation, li minnhom ser jiġi ġġenerat ammont sostanzjali ta' enerġija, il-Kunsill għandu jingħata Triq Gerxija u parti minn Triq Bardan bit-tarmak. Dan għaliex Triq l-10 ta' Ottubru 1942 li l-Kunsill daħal għaliha permezz tal-iskema PPP u li din it-triq għadha bil-garanzija. Il-Kunsill ser jitlef din il-garanzija u ser jerfa responsabilta' kbira. L-istess jista jingħad fuq Triq Bardan fejn parti minn din it-triq il-Kunsill ibbenefika minn fondi ewropej minn fond M125. Għalhekk il-Kunsill qed jinnegozja f-isem ir-residenti Ta' Sannat. Is-Sindku qal li jekk dan l-agreement jiġi ffirmat għandu jingħata żmien stipulat biex dan ix-xogħol isir sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ottubru 2016 u li jekk ma jitlestiex dan ix-xogħol fi żmien stipulat (sa l-aħħar ta' Ottubru 2016) il-Kuntrattur jibda jeħel multa kuljum. Is-Sindku qal ukoll li għandha tintalab garanzija bankarja fuq ix-xoghol li ser isir u li din tigi rrilaxxata wara li tiġi ċċertifikata mill-Perit tal-Kunsill. Din il-garanzija ser isservi ukoll biex jiġu onorati l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet li għamel il-Kunsill lill-Kuntrattur. Is-Sindku spjega l-kundizzjonijiet li l-Kunsill ser jagħmel lill-T.M. u żied jgħid li għandha tintbgħat notifika ta' żmien seba' t'ijiem lill-Kuntrattur jekk jaqbilx ma dan jew le. Jekk il-Kuntrattur jibqa ma jagħtix risposta l-Kunsill ser jgħamel kundizzjoni li dan il-permess ser jiġi null u jkollu japplika mill-ġdid. Hu qal li jekk jibda xi xogħol mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jgħamel Mandat ta' Inibizzjoni, bil-Qorti peress li dan hu kollox għal ġid tar-residenti u tal-lokal. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mall-proposti kollha tas-Sindku.

Trinek fit-toroq minn Solar Power

**2.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' tal-Gozo for ALS saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2016. Għal din l-attivita' attenda ukoll il-Ministru

Gozo for ALS

għal Għawdex. Hu qal li kien hemm attivita' sabiħa u li kull min attenda ħa pjaċir. L-organizzaturi u l-parteċipanti rringrazzjaw lill-Kunsill għal dan il-ġest nobbli nkluż s-Sur Bjorn Formosa. L-attivita' li kellha ssir il-Ħamis 11 ta' Awwissu bl-isem Giochi it's a Knock out ġiet ikkanċellata għal kemm l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għamlet l-almu tagħha biex din tittella', l-konkorenza mill-parteċipanti kienet waħda fqira. Dakinhar stess il-Ħamis saret Fun Walk u Fun Run li minnha nġabret is-somma ta' €700 b'risq l-ALS.

**2.4** Is-Sindku qal li dwar l-attivita' ta' nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2016, 1551 in Concert ma sarx is-servizz ta' transport kif kien propost, dan għaliex ħadd mir-residenti ma applika għal dan. 1551 in Concert

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku qal li l-Onor. Justyn Caruana f'laqgħa miegħu talbet biex is-sala tal-Kunsill tibda tintuża darba fil-ġimgħa jew aktar għal talks u attivitaijiet mis-Segretarjat tagħha. Il-Kunsill qabel ma dan biss ġibed l-attenzjoni li f'każ li l-Kunsill ikollu bżonn l-użu ta' din is-sala l-ewwel ikun il-Kunsill li jagħmel dan. Użu tas-sala Day Centre

**3.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Arċipriet tar-raħal bgħat jirringrazzja lill-Kunsill tal-kollaborazzjoni sħiħa partikularment fix-xahar ta' Lulju fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill qal li kien ta pjaċir tiegħu li jsir dan. Ringrazzjament mill-Arċipriet

## 4. Kwotazzjoni SNT 02,03,04/2016

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-Viċi Sindku nfurmatu dalgħodu li minħabba ċirkustanzi personali kellha tinżel Malta llum, u li hi għandha ċavetta addizzjonali tal-kaxxa ta' dawn il-kwotazzjonijiet dawn il-kwotazzjonijiet ser jinfetħu għada f'nofsinhar. Kwotazzjoni SNT02,03,04/2016

## 5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li wara li saret il-laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2016 fil-Kunsill ta' Għajnsielem dwar l-Iżbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2015. Hu talab li ssir laqgħa mal-Accountant biex dan jiġi rregolat. Għalhekk għandu jsir appuntament mall-Accountant biex issir din il-laqgħa apposta. Żbilanċ finanzjarju 2015

**5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sar l-iffirmar tal-kuntratt l-ġdid forma ta' Att Pubbliku maIl-Gozo Action Group Foundation li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat jifforma parti minnhu nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu 2016, filgħodu. Dan ġie ffirmat minnhu stess peress li s-Sindku dakinhar infurmaħ li ma setgħax jattendi. GAGF Kuntratt ġdid

**5.3** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għada 23 ta' Awwissu 2016 filgħodu ser issir il-preżentazzjoni tal-inizjattiva finanzjament għal librerija lokali li għal dan il-Kunsill applika €100. Il-Kunsill qal li ħadd ma Librerija Lokali

jista jattendi għal din iċ-ċerimonja ta' għada.

**5.4** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imjel b'inċident fuq xarabank ta' Transport Malta meta sar ix-xogħol fi Pjazzetta tax-Xelina fl-Lulju 2015. Il-Kunsill qal li kif dan qed isir jaf bih sena wara u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma u jieħu l-passi bl-Avukat tal-Kunsill. Hsara f'karrozza tal-linja – Lulju 2015

**5.5** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva Notifika b'ittra uffiċċjali preżentata fil-Qorti Ċivili tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri li l-mittenti Paul Muscat qed iżom lill-Kunsill responsabbli għad-danni ikkawżati lilu preżenti u futuri fi Triq tal-Gruwa (Triq Mġarr ix-Xini) meta qed jgħid li qasam tyre tal-vettura tiegħu f'ħofra ħdejn ir-razzett ta' Cini. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb bl-Avukat tal-Kunsill. Ittra uffiċċjali - Paul Muscat

**5.6** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand il-Gozo Section ta' National Achives Malta fejn dawn talbu għajnuna ta' €25 għall-Wirja - In-Niċeċ Storiċi ta' Għawdex fejn ser tiġi nawgurata l-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 2016 u l-Kunsill ġie mitlub jissuggerixxi liema huma ż-żewġ/ tlett niċeċ l-iktar storiċi, antiki u mportanti fil-lokalita' u li l-Kunsill ser jingħata 5 kopji ta' katalgu li ser jiġi stampat apposta. Il-Kunsill issuġġerixxa in-niċeċ tal-Madonna tal-Ġrazzja fi Triq ix-Xabbata, dik ta' San Franġisk fl-istess triq u dik tad-Duluri fi Triq il-Kbira. Wirja Niċeċ Storiċi

**5.7** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bid-Direttivi u biċ-Ċirkularitajiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri. Dawn huma- Ċirkularijiet u Direttivi mid-DLG

Direttivi:

| | |
|---|---|
| No. 2 / 12.07 | Komunikazzjoni effiċjenti minn u mad-Dipartiment |
| No. 3 / 05.08 | Arranġamenti finanzjarji fejn il-LESA, il-kumitati reġjonali u l-kunsilli lokali |

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| No. 7 / 13.07 | Ġbir ta-data dwar Aged Creditors Balance sat-30 ta' Ġunju 2016 |
| No. 8 / 19.07 | Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita – Libreriji Lokali/Regjonali |
| No. 9 / 22.07 | Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storici 2016 |
| No. 10/27.07 | Tagħrif fuq inizjattivi dwar faċilitajiet ta' parkeġġ fil-lokalitajiet |
| No. 11/11.08 | Inizjattiva Finanzjarja - Espressjoni ta' interess għall-impieg ta' persuni b'diżabilita' (l-aħħar sejħa) |
| No. 12/16.08 | Petizzjonijiet dwar kontravenzjonijiet |
| No. 13/16.08 | Skart tal-WEEE trasferit fis-Civic Amenity Sites |
| No. 14/16.08 | Procurement Policy Notes |

## 6. Rapport ta' kull Kwart April – Ġunju 2016

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv kien iċċirkula lill-Kunsillieri permezz ta imejl ir-Rapport tat-Tieni Kwart April - Ġunju 2016 tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie ffirmat mis-Sindku u minnhu.

Rapport tat-tieni kwart April – Ġunju 2016

## 7. Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

**7.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa mas-sotto kumitat nhar l-Erbgħa 17 ta' Awwissu 2016 dwar il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone. Hu qal li flimkien raw il-programm tal-applikazzjoni u li ġew pjanati id-dati għal dan l-avveniment. Id-dati ser ikunu mill-Ġimgħa 30 ta' Settembru sat-Tlieta 4 ta' Ottubru 2016. Is-Sindku għandu jinforma b'dan lis-Sindku ta' Montefiascone sabiex jibgħat il-lista tat-tlieta u erbgħin parteċipant minn Montefiascone skond l-applikazzjoni.

Ġemellaġġ ma' Montefiascone

## 8. Jum Dinji tat-tfal b'risq l-ALS

**8.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' ta' Jum Dinji tat-tfal bħal kull sena ser issir f'Novembru u li f'din is-sena ser jinġabru donazzjonijiet b'risq l-ALS. Is-Sur Ronald Bugeja li għen biex jittela' l-avveniment ta dan ix-xahar, ser jgħin ukoll f'din l-attivita'. Id-data ta din l-attivita' ser issir nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru 2016, wara l-quddiesa tal-10.30 a.m. fi Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel ma dan.

Jum Dinji tat-tfal

## 9. Kwotazzjoni – Tiżjin tal-Milied 2016

**9.1** Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex naraw kif ser tiġi mżejna Triq Sannat għal Milied din is-sena. Il-Kunsill talab li toħrog sejħa għall-kwotazzjonijiet. Rigward is-siġra tal-awrikarja fi Pjazza Santa Margerita għandu jiġi kkomunikat dan mat-Taqsima tal-Milied f'Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex din is-siġra terġa tinxtegħel bid-dwal dekorrattiv bħas-sena l-oħra.

Tiżjin Milied 2016

## 10. Ilmenti u Suġġerimenti

**10.1** Is-Sur Silvestru Farrugia qed jilmenta li hemm disabled parking bay fi Triq Marsilja li ma tintużax u qed jitlob li din titneħħa ghal aktar spazzju ta parkeġġ f'din it-triq.

**10.2** Fi Triq il-Barumbara tal-Bies kien hemm id-Double Yellow Lines u li dawn tneħħew meta twaqqat id-dar Nru 2 fi Triq Skerla biex dawn jerġu isiru. Il-Kunsill qabel ma dan.

**10.3** Katharina Booth qed tilmenta li maġenb id-dar tagħha hemm rampi minn dar oħra li jgħatu għat triq u li dawn qed jostakolaw lit-triq.

**10.4** Katharina Booth qed tilmenta dwar ħitan tas-sejjieħ mwaqqa' fi Triq Bardan. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lill-Pulizija biex jinfurmaw lis-

sid b'dan l-inkonvenjent u periklu fi Triq.

**10.5** Is-Sindku qal li fid-daħħliet tan-niżla fi triq għall-bajja ta' Mġarr ix-Xini kien hemm Double Yellow Lines u li dawn ma għadhomx jidru. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jerġu jinżebgħu.

**10.6** Il-Kunsilliera Margaret Said talbet biex tiġi rranġata l-bankina tagħha fejn hu miksur. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

**10.7** Il-Kunsill qabel li l-passaġġ fi Triq il-Kbira għal Triq Xamgħan għandu jiġi mnaddaf mill-ħaxix ħażin bil-ħaddiema li l-Kunsill għandu miegħu.

**10.8** Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn Rosina Grima ta' Triq Ta' Ċenċ biex isir il-bankina ta' quddiem id-dar tagħha li tkissret meta saret it-triq. Il-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvillup fi ħdan il-MGOZ dwar dan.

**10.9** Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Raymond Xerri ta' Triq Ta' Ċenċ biex isir bankina ġdida quddiem id-dar. Il-Kunsill qabel ma dan.

**10.10** Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn residenti (tal-Karu) minn Triq il-Kbira biex isir bankina quddiem id-dar fuq in-naħa ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 biex ukoll tkun tista tiproteġi l-ħajt tad-dar. Il-Kunsill qal li ma din id-dar qatt ma kien hemm bankina fuq din in-baħa ta triq u għalhekk għandu jara jekk din tistgħax isir.

**10.11** Is-Sindku qal li l-Librara tal-Kunsill reġet talbet lill-Kunsill biex il-Librerija Lokali tibda tiftaħ darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill wara li kkonsidra din it-talba qabel li din tibda tiftaħ kull nhar ta' Ħamis mis-2.00 p.m. sal-5.00 p.m. u kull nhar ta' Sibt mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m. Dan ser isir meta t-tfal jerġu jibdew l-iskola.

**10.12** Is-Sindku ssuġġerrixxa lill-Kunsill biex r-rampa li hemm fil-Playing Field fi Triq Marziena tinqala peress li din hi waħda perikoluża u mhux aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Perit biex jara x-xogħol x'hemm li jsir biex isir dan u f'xi spiża tikkonsisti biex f'dan il-każ jintuża l-istess kuntrattur tal-bankini li għandu l-Kunsill.

## 11. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti. Pagamenti

**11.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva l-kontijiet tat-toroq li saru bl-iskema tal-PPP mingħand il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. u li l-Perit ċċertifika dawn il-kontijiet. Kien hemm deskripanza fil-kont ta' Triq l-10 ta' Otturbru fejn il-Perit spjega li sar it-tarmak f'parti itwal ta din it-triq (il-fuq minn Triq Pisoniano), li din il-parti fil-BOQ tal-offerta ma kienetx inkluża għaliex orġinarjament ma kienx intiż li jsir dan. Is-Segretarju

Eżekuttiv ser jibgħat kopja ta' dawn il-kontijiet u ċ-ċertifikati tal-Perit lid-DLG biex dawn jgħaddu lill-Kunsill il-parti finanzjarja tagħhom skond il-ftehim.

## 12. Aġġornament.

**12.1** Il-laqgħa ntemmet fit-3.20 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2016, fis-1.30 p.m. Aġġornament

**(iffirmata)**

***Philip Vella***
*Sindku*

**(iffirmata)**

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 19 ta' Settembru 2016